# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2772

**Kaz Numru 3775/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joseph Schembri (K.I. nru. 6968(M))**

**u**

**Steward Malta Personnel Limited (C 81862)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip. Lab. Stud., Cert. Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 27 t'Ottubru, 2021**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Joseph Schembri fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar id-9 t'Awwissu 2019 fejn sostna li huwa kien gie mkecci mill-impjieg tieghu abbazi ta' ragunijiet ghal kollox infondati. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-tkeccija ma kinitx ingusta skond il-ligi stante illi kien hemm raguni gusta u sufficjenti ghal tali tkeccija.
It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm ghaxar (10) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi u anke minhabba s-sitwazzjoni kif zvolgiet kagun tal-pandemija Covid-19.

- **Rapprezentanza**

Joseph Schembri li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' l-Avv. Rebecca Mercieca.

Steward Malta Personnel Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' Ntimata kienet irraprezentata minn Dr. Luca Amato assistit mill-Avv.Christine Callejja.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *Chauffeur / Transport Assistant* bejn l-1t'Awwissu 2017 u t-18 ta' Gunju 2019, fuq bazi *full-time.*

Fis-27 ta' Mejju 2019 kienet sehh incident fid-dintorn ta' l-isptar San Luqa fejn l-Appellant u Leslie Camilleri kienu gew fl-idejn.

In segwitu ta' dan l-incident kienu nbdew proceduri dixxiplinarji fil-konfront taz-zewg impjegati.

Bord ta' Dixxiplina kien ittratta l-kaz nhar il-5 ta' Gunju 2019. Fl-andament ta' tali proceduri Camilleri kien irrizenja mill-impjieg.

Bord ta' Dixxiplina kien sab lill-Appellant hati tal-akkuzi li kienu nhargu kontrih relatati mall-incident riferut .

Fit-18 ta' Gunju 2019 Silvio Scicluna l-*HR Relationship & Services Manager*, kien informa lill-Appellant li wara li l-Bord ta' Dixxiplina kien sabu hati, l-impjieg tieghu kien qed jigi mitmum a bazi ta' *gross misconduct* b'sehh minn dik id-data.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**John Magri** permezz ta' affidavit xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Senior Transport Officer* ma' Steward Health Care Malta, fejn kien jamministra t-taqsima tax-xufiera ta' Karen Grech Rehabilitation Hospital.
Huwa qal li fis-27 ta' Mejju 2019 kien gie nfurmat li sehhet glieda bejn zewg xufiera, Joseph Schembri u Leslie Camilleri gewwa St Luke's Hospital, u dan fil-presenza ta' haddiema ohrajn u ta' pazjent anzjan. Ix-xhud qal li kien pront sejjah liz-zewg impjegati nvoluti u baghthom id-dar dak il-hin stess.
Huwa kompla li dakinhar stess kien tkellem ma' Ch. Bugeja *HOP* u mad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani ta' Steward Health Care.
Huwa wara ghadda sabiex ta rendikont ta' xhieda li kienu nstemghu waqt is-seduti tal-Bord ta' Dixxplina. Huwa rrefera ghall-parti fejn l-Appellant kien jiffastidja lil Leslie b'cajt ta' natura goffa, tghajjir u agir mhux xieraq. Huwa qal li qabel dan l-incident gieli kien jasallu tgharif dwar l-imgieba tal-Appellant u gieli attiralu l-attenzjoni dwar hekk.
Huwa sahaq li glied bl-idejn fuq post tax-xoghol m'ghandu qatt ikun permissibli wisq anqas fil-presenza ta' pazjenti anzjani. Huwa temm li kien ghalhekk li

fit-18 ta' Gunju 2019 il-kumpanija gharrfet lil Schembri li l-impjieg tieghu se jigi terminat.

**Charles Bugeja** permezz ta' affidavit xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' *Head of Operations* fi hdan l-isptar *Karen Grech Rehabilitation Hospital*. Huwa qal li fis-27 ta' Mejju 2019 kien gie nfurmat li sehhet glieda bejn zewg xufiera gewwa *St Luke's Hospital,* li kienu Joseph Schembri u Leslie Camilleri. Huwa tenna li kien qara l-kontenut ta' l-affidavit li kien ghamel il-kollega tieghu John Magri u jikkonferma l-kontenut ta' l-istess affidavit skond il-fatti kif sehhew.

**Dr. Luca D'Amato** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa l-Konsulent Legali ghall-entitajiet ta' Steward gewwa Malta. Huwa qal li Steward huma l-koncessjonarji li jmexxu l-isptarijiet ta' Karin Grech, St Lukes u l-isptar Generali ta' Ghawdex.

Huwa ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni ta' x'servizzi joffru, fejn b'mod partikolari spjega li *Karen Grech Hospital* joffri *rehabilitation* u dak ta' St Lukes jaghmlu xi servizzi ta' fisjoterapija.
Huwa spjega li nhar is-27 ta' Mejju 2019 kien gie nfurmat li kienet sehhet glieda bejn zewg impjegati xufiera li kienu Joseph Schembri u Leslie Camilleri. Huwa zied li John Magri li dak iz-zmien kien *Senior Transport Officer* kien infurmah li in segwitu ta' dan l-incident kien baghat liz-zewg impjegati d-dar.
Ix-xhud kompla li wara li kien tkellem ma' Charmaine Portelli *HR Director*, kienu ntbaghtu zewg ittri lill-impjegati nvoluti fejn gharrfuhom li kienu ser jghaddu Bord ta' Dixxiplina. Huwa qal li dan il-Bord kien kompost minnu, minn Charmaine Portelli, minn Charles Bugeja *Head Operations* u minn John Magri *Sen.Transport Officer*. Huwa qal li dan il-Bord f'zewg seduti fil-5 u l-11 ta' Gunju 2019, sema' x-xhieda relatata mall-incident u kien hemm Silvio Scicluna li kien qed jiehu xi noti/minuti li wara gew iffirmati mill-membri.

**Leslie Camilleri**, beda billi qal li f'Mejju 2019 huwa kien jahdem ma' Steward bhala *Driver,* u jaf lil Joseph Schembri fuq ix-xoghol bhala kollega xufier fejn gieli hadmu flimkien. Huwa qal li r-relazzjoni tieghu ma' Schembri kienet wahda normali, fejn huwa kien ihobb jiccajta u jghaddi kummenti bhal li huwa (x-xhud) zmattat, johroglu l-qmis, etc. Ix-xhud kompla li sakemm dan ic-cajt kien ikun quddiem kollegi tax-xoghol ghalih ma' kienx jimporta, izda meta tali cajt isir quddiem persuni li ma kienux jahdmu maghhom u jew quddiem pazjenti kien jiddejjaq ghaliex kien ihoss li jkun zufjettat.
Ix-xhud kompla li xi tlett ijiem qabel l-incident tas-27/5, Schembri kien irrefera ghalih bhala 'kabocca' ma' xi persuna ohra u baqa' sejjer isejjahlu hekk sa dakinhar tal-incident.

Ix-xhud qal li nhar is-27/5, Schembri kien kellmu mit-telefon ta' Joe Agius, xufier kollega u beda jghidlu jekk kienx hemm xi 'kabocca'. Ix-xhud tenna li dak il-hin kien qal lil Schembri sabiex ihallih ghaliex dak il-hin ma kellux mohh ic-cajt ghaliex kien qieghed ifittex xi ndirizz ta' post li riedu jmorru fih.

Huwa kompla li ghal xi 7.45, waqt li kienu qeghdin ihottu xi pazjenti hdejn l-entratura *ARU* ta' Karen Grech, Schembri rega' beda jindirizzah bhala 'kabocca', u huwa (x-xhud) qallu sabiex ma jiccajtax mieghu hekk quddiem in-nies. Huwa kompla li ghal xi 7.58, kien cempillu Schembri u beda jindirizzah bid-dagha u kliem iehor baxx, fejn deher (Schembri) li kien irrabbjat ghaliex kien wissieh. Huwa qal li waqt din il-konversazzjoni Alfred Craus kien mieghu u Joe Agius kien ma' Schembri.
Ix-xhud kompla li dak il-hin huwa nizel mill-vann ghaliex ra lil Schembri ixejjer idejh fejn anke hu nizel mill-vann b'certu herra, fejn hatfu u gidmu f'subajgh. Ix-xhud kompla li huwa bhal iddefenda ruhu fejn imbotta lil Schembri mall-art, fejn gew is-*Securities* u waqqfuhom.
Ix-xhud kompla li sa dak it-tant Schembri kien qallu li ' …..din ma spiccatx hawn u qalli 'ninzu l-uniformi u niltaqghu barra'. Ix-xhud qal li nforma b'kollox lis-superjuri tieghu John Magri u Andrew Bondin.
Ix-xhud kompla li wara xi gimgha kien ircieva *SMS* minn fuq in-numru telefoniku 9967-4277, li kien jghid li biex teghleb lill-Mamma (il-laqam ta' Schembri) trid teghlbu b'senter, ghax dak il-*bully* tal-Marsa. Huwa kompla li xi xahar ilu kien irvieva messagg iehor minn l-istess numru li kien jghidlu 'la titilghu l-Qorti xeghba ohra ser itik'. Huwa qal li kemm dwar dawn il-messaggi u anke wara li l-incident tas-27/5 huwa mar ghand il-Pulizija.

**Alfred Craus** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jahdem ma' Steward bhala xufier u jaf kemm lill-Appellant u anke lil Leslie Camilleri bhala kollegi fuq ix-xoghol. Huwa rrakkonta b'certu dettall argument verbali li nqala' bejn Schembri u Camilleri wara li Schembri kien indirizza lil Camilleri 'kabocca'. Wara huwa ghadda fejn irrakkonta li wara li kienu waslu l-isptar San Luqa Leslie nizel mill-van u mar fid-direzzjoni ta' Schembri. Huwa kompla li pront kien mar iferraqhom ghaliex gew fl-idejn. Huwa kompla li wara xi zmien kien gie mghajjat jixhed dwar dan l-incident quddiem Bord ta' Dixxiplina.

**Joe Agius** beda billi qal li huwa jahdem bhala *Porter Driver* ma' Steward, u jaf lill-Appellant bhala kollega fuq ix-xoghol. Huwa qal li dakinhar tal-incident bejn l-Appellant u Camilleri huwa kien *Porter* ma' l-Appellant. Huwa kompla illi dakinhar kien cempel lil Camilleri sabiex jistaqsih fejn kien certu ndirizz u Camilleri min-naha tieghu kien stqasa lill-istess dwar xi ndirizz iehor. Huwa kompla li f'dak l-istant li Schembri kien indirizza lil Camilleri 'kaboccu'. Huwa qal xi ftit wara l-istess Camilleri cempel lill-Appellant dwar dan id-diskors fejn min-naha tieghu (Camilleri) beda jghid lill-Appellant '… ghax insiru hekk u nsiru hekk ghax jien alabieb hekk u alabieb hekk'.

Ix-xhud kompla li f'xi hin meta waslu l-isptar San Luqa nizzlu lill-pazjenti izda kien fadal wiehed fil-vann. Huwa kompla li Schembri u Camilleri gew fl-idejn u waqghu fl-art jiggieldu, u dan sa ma waslu xi *Securities* u firduhom.

**Charmaine Sultana Portelli** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *Director HR* mas-Socjeta' ntimata u dan sa minn April 2017.
Hija qalet li appena kienet giet infurmata bl-incident li kien sehh bejn Camilleri u Schembri u dan mill-persuna li kienet tiehu hsieb l-*HR* f'Karen Grech, hargu ittra lit-tnejn biex jigu inizjalati proceduri quddiem Bord ta' Dixxiplina. Hija qalet li apparti li l-Bord sema' liz-zewg persuni sema' ukoll liz- zewg *drivers* ohra li dakinhar kienu xoghol maghhom u anke lil 3 *Securities*.
Hija qalet li l-Bord kien kompost minnha, minn Dr.Luca Amato li huwa l-*Legal Advisor* tal-Kumpanija, minn John Magri *Sen.Transport Off*. u minn Charles Bugeja *Chief Oper.Off*. Hija ziedet li kien hemm ukoll il-persuna li kienet *HR Manager* dak iz-zmien. Ix-xhud qalet li wara li l-Bord sema' x-xhieda wasal ghall-konkluzjoni li l-glieda verament sehhet pero' ma sarx rapport konklussiv bil-miktub. Ix-xhud qalet li waqt dan is-smiegh l-Appellant kien akkumpanjat mill-Avv. Alfred Abela. Hija kompliet li wara dan is-smiegh kien gie deciz li l-impjieg jigi terminat, u dan a bazi li ncidenti bhal dawn m'humiex tollerati u anke tenut kont tal-kuntratt tax-xoghol, propju Klaw.6.03/04.
Ix-xhud qalet li kien hemm drabi ohra fejn kazi ta' nuqqasijiet lavorattivi tressqu quddiem Bord ta' Dixxiplina, pero' ma kienux irrizultaw fi tkeccija mill-impjieg. Hija sostniet li wara li semghu x-xhieda kkonkludew li z-zewg impjegati nvolvew ruhhom fi glieda, konsegwenza t'hekk kienu hatja ta' *violent behaviour* u gie deciz li l-impjieg taghhom jigi mitmum. Ix-xhud semmiet li waqt is-smiegh kien gie pprezentat certifikat mediku minn Leslie Camilleri li kien jaghmel referenza ghall-gidma.
Ix-xhud qalet li qabel giet ippronunzjata d-decizjoni tat-temm tal-impjieg Leslie Camilleri kien ipprezenta r-rizenja tieghu u pprocedew bid-decizjoni fil-konfront tal-Appellant. Hija qalet li sa fejn taf hi l-Appellant ma kienx appella minn din id-decizjoni.

**Joseph Schembri** xehed kemm permezz ta' affidavit u anke 'a viva voce'. Huwa beda billi qal li huwa kien ilu jahdem a bazi *Full-time Indefinite* ma' VGH Hospital sa minn Awwissu 2017 u dan bhala *Chauffeur/Transport Assistant*. Wara huwa ghadda sabiex spjega x'kienu id-doveri li kien iwettaq f'din il-kariga. Ix-xhud kompla li lejn Settembru 2018, kien dahal jahdem maghhom Leslie Camilleri, li mieghu kien sar habib u kienu jiccajtaw kuljum. Huwa qal li Camilleri kien isejjahlu bil-laqam tal-familja 'il-Mamma' u hu (ix-xhud) kien isejjah lil Camilleri 'Kabocca'. Ix-xhud stqarr li fuq il-post tax-xoghol qatt ma kellu xi rapporti ta' vjolenza.
Huwa spjega li nhar is-27/5/19, Camilleri donnu qam burdata hazina, fejn ried jaqbad jizvoga mieghu.

Ix-xhud kompla li dakinhar kienet gurnata normali ta' xoghol, fejn bhala kollega fil-*vann* kellu lilJoe Agius.

Huwa kompla li waqt li kienu fil-vann, fejn fuq wara kellhom pazjent, fejn startja u saq, ghadda il-vann li kien qed isuq Camilleri fejn mieghu kellu lil Alfred Craus. Kompla li f'daqqa wahda il-vann li kien qed isuq Camilleri waqaf u huwa (x-xhud) beda jara lil Craus izomm lil Camilleri. Ix-xhud kompla li f'daqqa wahda ra lil Leslie niezel bis-sahha b'idejh miftuhin u jigri ghal fuqu bl-herra sa ma dan wasal hdejn il-bieba tal-vann. Ix-xhud qal li peress li kien jaf li Camilleri kien *instructor* tal-Judo u nizel mill-vann sabiex jiddefendi ruhu (meta kontro-ezaminat, huwa qal li kien diga' nizel mill-*vann* qabel Camilleri resaq lejh, peress li kien qed inizzel lill-pazjenti). Huwa tenna li kien sorpriz b'dak li gara bejnu u bejn Camilleri ghaliex kienu mill-akbar hbieb fuq ix-xoghol. Ix-xhud sostna li Camilleri kien 'weggani serjament', waqt li pprezenta certifikat mediku fir-rigward ta' dak li qal. Huwa qal li bid-daqqiet li qala kien waqa' mall-art u huwa (l-Appellant) beda jxejjer biex jiddefendi ruhu. Huwa sostna li ma jiftakarx li kien gidem lil Camilleri waqt din il-glieda. Huwa stqarr li huwa qatt ma kien ser jaghmel xi haga li setghet tippregudika l-impjieg tieghu l-aktar peress li ghandu familja xi jmantni u kellu 52 sena. Huwa sostna li eventwalment Camilleri kien waqqa l-kawza li kien hemm ghaddejja fil-kriminal, irrizenja mix-xoghol (Camilleri), bhal li kieku ma gara xejn izda hu (x-xhud) ghadu jbati l-konsegwenzi, ghaliex tkecca mix-xoghol u ghadu bla xoghol. Huwa sostna li quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kien irrakkonta d-dettalji kollha tal-incident. L-Appellant qal li wara kienu cemplulu mill-*HR* fejn gharrfuh li l-imjieg tieghu kien gie terminat. Huwa qal li jaf li Camilleri li bhalu kien tressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina kien irrizenja qabel ma hadu decizjoni.

**Andrew Bondin** beda x-xhieda tieghu bill qal li huwa jahdem mall-kumpanija bhala *Transport Officer* u jaf lill-Appellant u lil Leslie Camilleri bhala kollegi fuq ix-xoghol. Huwa qal li l-imgieba taghhom fuq ix-xoghol kienet wahda tajba.
Huwa qal li dakinhar li kien sehh l-incident bejn l-Appellant u Leslie huwa kien fl-ufficcju tieghu u ma kienx prezenti fuq il-lok. Huwa qal li l-persuna *in charge* dak iz-zmien kien John Magri. Huwa tenna li qatt ma sema' li kien jinghad xi cajt goff bejn l-impjegati.

**Dott. Tiziana Parnis** qalet li hija tahdem gewwa l-*Paola Health Centre*. Hija kkonfermat li kienet kitbet ic-certifikat mediku li gie muri lilha mmarkat *Dok JSB*. Hija qalet li dwar il-kaz propju ma tiftakar xejn.

**Donald Cesare** beda x-xhieda tieghu billi qal li jahdem Karin Grech u lil Schembri u Cuschieri ma jafhomx hafna izda kien jarahom isuqu l-vann. Huwa qal li dakinhar tal-incident huwa kien fil-kantuniera tal-kamra tas-*Security*. Huwa kompla li f'xi hin ra vann jieqaf bis-sahha u minnu nizel Cuschieri u minn vann

iehor nizel Schembri. Huwa kompla li f'xi hin sema' ghajjat u meta dar mall-vann rahom it-tnejn imqabbdin f'xulxin u qabez f'nofshom biex iferraqhom.
Ix-xhud kompla li wara dan l-incident kien imsejjah fuq ix-xoghol jaghti l-verzjoni tieghu ta' x'kien ra. Huwa qal li ma jafx min beda u min kompla l-glieda. Qal li jaf biss li t-tnejn kellhom ticpis ta' demm.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Christine Callejja** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bdiet billi qalet li dan l-kaz ma jittrattax fuq xi ncident fejn forsi xi hadd ikun qal kelma zejda fuq il-post tax-xoghol, jew forsi xi hadd ma kienx qed jipperformja. Hija spjegat li dan il-kaz jikkoncerna zewg impjegati li bdew jitghajjru quddiem in-nies, gew fl-idejn quddiem in-nies u fejn l-Appellant gidem darbtejn lill-impjegat l-iehor.
L-Avv. Callejja kompliet li l-kumpanija malli saret taf b'dan l-incident ma qabdetx u kecciet liz-zewg impjegati nvoluti izda ghaddiethom minn proceduri ta' dixxiplina fejn resqu quddiem Bord u fejn l-Appellant kien assistit minn Avukat.
L-Avv. Callejja kompliet li l-kuntratt tax-xoghol tal-Appellant jipprojbixxi agir kif imwettaq mill-Appellant tant li fih hemm projbizzjoni specifika dwar '*misconduct, harassment, violent danger or intimidating misconduct'*.
Hija tenniet li filwaqt li komportament bhal dan mhux tollerabbli fuq post tax-xoghol, dan l-incident ma sehhx bejn zewg bouncers go disco izda f'kumpanija li tiehu hsieb ir-*rehabilitation* tal-anzjani.

**Avv. Rebecca Mercieca** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi qalet li kien l-impjegat l-iehor li kien involut fl-incident li kien beda l-glieda u dan filwaqt li hija kkwotat x-xhieda ta' Alfred Craus u ta' Joe Agius. Hija sostniet li l-Appellant fl-incident iddefenda ruhu, agixxa ghall-aggressjoni li saret fuqu.
L-Avv. Mercieca sahqet li l-kastig moghti lill-Appellant kien wiehed ahrax wisq.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex kellu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar dan il-kaz it-Tribunal kellu janalizza l-fatti kif sehhew u li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg 'in kwistjoni'.

Matul il-process ta' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-Appellant waqt il-hin tax-xoghol kien involut f'argumentazzjoni ma' mpjegat iehor liema argumentazzjoni zviluppat fi glieda vera u propja. Glieda li waqfet biss meta sar intervent minn kollega li hasel kien fil-vicinanza ta' fejn sehh il-kaz.

Dan it-Tribunal jaghraf li l-incident riferut kien gie meqjus mill-*Management* bhala wiehed serju tant li kien gie ttrattat minn Bord ta' Dixxiplina, fejn l-Appellant li kien assistit minn Avukat, inghata c-cans jaghti l-verzjoni tieghu.

It-Tribunal jinnota li matul il-process ta' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni min-naha tal-Appellant li s-smiegh quddiem dan il-Bord ta' Dixxiplina kien b'xi mod vizzjat.

Dan it-Tribunal jaghraf ukoll li l-*Management* wasal ghad-decizjoni li jtemm l-impjieg tal-Appellant, wara li l-Bord tad-Dixxiplina kien sabu hati ta' *Gross Misconduct*, u dan fl-isfond ta' dak stipulat fil-kuntratt tax-xoghol ta' l-istess Appellant fejn jinghad li bhala mpjegat ma kellux jikkomporta ruhu b'mod vjolenti, perikoluz u ntimidatorju.

Ghal dan it-Tribunal komportament vjolenti ma huwa accettabbli fl-ebda post tax-xoghol u fejn tali nuqqas ikun awmentat meta propju dan isehh fl'ambjent simili ghal fejn sehh il-kaz ittrattat.

Filwaqt illi terminazzjoni mill-impjieg bhala piena dixxiplinarja hija l-aktar wahda harxa, dan it-Tribunal jaghraf illi jkun hemm cirkostanzi fejn dan il-kastig ikun misthoqq. Dan il-kaz ittrattat, fejn l-Appellant involva ruhu fi skontru vjolenti waqt il-qadi ta' dmirijietu huwa wiehed minnhom.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant kienet wahda gusta u sufficjenti.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**